11 ta' Novembru, 1957

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Giorgio Baldacchino *versus* Giorgio Borg pr. et ne. et

**Donazzjoni — Nullità — Rigali — Doni Manwali — Servigi — Azzjoni jew Eccezzjoni — Depożitu — Pagament — Kera — Art. 1832, 1833 u 1847(1)(2) tal-Kodiċi Ċivili**

*Hu principju illi n-nullità ta' att, jekk ikun il-każ ta' nullità stabbilita mill-liġi, tista' tinġieb il-quddiem anki b'eċċezzjoni, u mhix meħtieġa azzjoni separata; u d-domanda għar-restituzzjoni ta' ħaġa donata an-*

*għajr il-formalità tal-att publiku, tikkomprendi anki l-talba għar-rexissjoni ta' dik id-donazzjoni, għalkemm fiċ-ċitazzjoni jingħad li dik il-ħaġa hi posseduta mill-konvenut illegalment; l-illegalità tal-pussess allegata mill-attur mhix inkompatibbli mal-fatt li l-oġġett tad-donazzjoni baqa' tal-attur minħabba li ġie nullament donat. Għaldaqstant, meta l-attur jitlob ir-restituzzjoni ta' oġġetti li l-konvenut ippossessa ruħu minnhom illegalment, mentri fil-fatt kienu ġew mill-attur donati lill-konvenut nullament għax mingħajr l-att publiku, mhix f'lokha l-osservazzjoni illi l-kawżali taċ-ċitazzjoni tirrigwarda oġġetti ta' proprjetà tal-attur li minnhom il-konvenut ippossessa ruħu illegalment, mentri fil-fatt dawk l-oġġetti kienu ġew minnu donati, u li għalhekk l-attur messu talab espressament in-nullità tad-donazzjoni.*

*Id-donazzjoni rimuneratorja bħala ħlas ta' servigi tibqa' dejjem fin-natura tagħha donazzjoni, u hekk hija kunsidrata mill-liġi; u kwindi, bħala regola, hi suġġetta għall-formalità tal-att publiku taħt piena ta' nullità. Din il-formalità, però, mhix meħtieġa meta si tratta minn rigali li jingħataw minn id għal id, ta' flus jew ta' ħwejjeġ oħra mobili korporali, jew ta' titoli għall-portatur, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u ċ-ċirkustanzi l-oħra. Dan il-valur żgħir irid ikun proporzjonat għall-kondizzjoni ekonomika u patrimonjali tad-donant; u l-iskop tad-donazzjoni ma jidħolx proprjament fiċ-ċirkustanzi li ssemmi l-liġi, għax diversament ir-rekwiżit essenzjali tat-tenwità tal-valur jista' minħabba dan l-iskop jiġi frustrat.*

*In-nullità tad-donazzjoni minħabba nuqqas tal-att publiku hi nullità assoluta; u jista' jopponiha ruħu minnha kull wieħed mill-kontendenti, u kwindi anki l-attur bħala donanti.*

*Depożitu ta' kera ma jekwivalix għal pagament tal-istess kera jekk, apparti l-kwistjoni tal-integrità tiegħu jew le, il-kreditur ma jkunx irrifjutah ingustament, imma jkun irrifjutah ġustifikatament għaliex ried jiżgombra lill-inkwilin, kif effettivament jagħmel.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, u wara li ppremetta illi, peress li l-konvenuti ħadu minn għand l-attur diversi oġġetti ta' pro-

prjetà tiegħu, fosthom affarijiet tad-deheb, ta' lbies, ta' fajjenza, ċwievet u rċevuti, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, u rrifjutaw li jirrestitwuhom; u peress li l-attur ta £14 lill-konvenuta biex tixtrilu żewġ brazzuletti, u din xtratlu waħda biss u approprjat ruħha ndebitament mill-bilanċ; u peress li l-attur ta £10 lill-konvenuta biex tixtrilu xi ħwejjeġ, u din xtrat xi ħaġa żgħira u approprjat ruħha ndebitament mill-bilanċ li jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; u peress li l-attur ta lill-konvenuta £20 biex iżżommhomlu, u din approprjat ruħha ndebitament minn din is-somma u ma rrestitwiethiex lill-attur; u peress li l-konvenuti għandhom jagħtu lill-attur £5.5.0 ta' għaxar xhur u nofs kera ta' kumditajiet fil-fond 22 Strada Barracche, Qormi, jew kwalunkwe ammont ieħor verjuri, akbar jew iżgħar, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; u peress li l-konvenuti għamlu ħsara fil-kumditajiet imsemmijin li kienu jokkupaw, u ma ħallewhomx fi stat tajjeb kif irċevewhom, meta ħarġu minnhom;

Talab (1) li l-konvenuti jiġu minn din l-Onorabbli Qorti kundannati jikkonsenjaw lill-attur, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, dawk l-oġġetti kollha ta' proprjetà tiegħu li huma mpossessaw ruħhom minnhom illegalment, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, u in difett jiġu kundannati jħallsu lill-attur il-valur tagħhom, li jiġi stabbilit anki permezz ta' periti nominandi; (2) li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu lill-attur il-bilanċ li fadal mill-£14 li hu ta lill-konvenuta għax-xiri ta' brazzuletti, u li jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, bl-interessi; (3) li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati mill-istess Qorti jħallsu lill-attur il-bilanċ li fadal mill-£10 li hu ta lill-konvenuta għax-xiri ta' ħwejjeġ, u li jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, bl-interessi; (4) li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' £20 li kienu depożitati għand il-konvenuta, bl-interessi; (5) li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu mill-istess Qorti kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' £5.5.0, kera minnhom dovut kif fuq speċifikat, jew kwalunkwe ammont ieħor

verjuri, akbar jew iżgħar, li jista' jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, bl-interessi; (6) li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu dikjarati responsabbli tad-danni li għamlu fil-fond in kwistjoni, u jiġu kundannati jħallsu lill-attur dawn id-danni fl-ammont li jiġi likwidat, jekk hemm bżonn anki per mezz ta' periti nominandi, bl-interessi;

Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 1953, kontra l-konvenuti jew min minnhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta......;

Illi ebda waħda mill-partijiet ma akkwijetat ruħha għall-konklużjonijiet peritali, kif jidher minn noti tal-osservazzjonijiet minnhom preżentati; u għalhekk xieraq li jiġu eżaminati l-kwistjonijiet minnhom sollevati b'riferenza għal kull domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Illi, in konnessjoni ma' l-ewwel domanda, il-konvenuti qanqlu, qabel xejn, il-kwistjoni li l-kawżali tagħha tirrigwarda l-oġġetti ta' proprjetà tal-attur li minnhom il-konvenuti mpossessaw ruħhom illegalment, mentri, skond ma rrelata l-perit ġudizzjarju, u rriżulta anki mill-provi, dawk l-oġġetti, u speċjalment il-barbazzal, iċ-ċappetti u l-imsielet, jiffurmaw oġġett ta' donazzjoni mill-attur lill-konvenuta, u għalhekk, ladarba l-attur jippretendi li dawk l-oġġetti għadhom proprjetà tiegħu, huwa kien imissu talab espressament in-nullità ta' dawk id-donazzjonijiet. Fuq dan il-punt, huwa prinċipju li n-nullità ta' att, jekk ikun każ ta' nullità assoluta stabbilita mill-liġi, tista' tinġieb il-quddiem anki b'eċċezzjoni, u mhix meħtieġa azzjoni separata (Kollez. XXIX-I-1195); u, kif ġie ritenut f'każ analogu, id-domanda għar-restituzzjoni ta' ħaġa donata mingħajr il-formalità tal-att

publiku tikkomprendi anki t-talba għar-rexissjoni ta' dik id-donazzjoni; għalkemm fiċ-ċitazzjoni ngħad li dik il-ħaġa kienet posseduta illegalment (Kollez. X, 264). Del resto, l-illegalità tal-pussess allegata mill-attur mhix inkompatibbli mal-fatt li l-oġġetti baqgħu tiegħu minħabba li kienu ġew nullament donati; u konsegwentement l-eċċezzjoni tal-konvenuti mhix sostenibbli, u qegħedha tiġi respinta; bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Illi, kuntrarjament għall-perizja, il-konvenuti jippretendu li l-barbazzal tad-deheb, mogħti mill-attur lill-konvenuta, jikkostitwixxi "dono manuale" minħabba ċ-ċirkustanzi li fihom ġie mogħti, u għalhekk ma kienx hemm bżonn tal-formalità preskritta mill-liġi. Dawn iċ-ċirkustanzi, kif spjegat fin-nota fol. 116 u 117, jikkonsistu filli l-konvenuta allura kienet xebba, kienet tieħu ħsieb l-attur, u dan ried jippreparalha xi oġġetti biex ikollha meta tiżżewweġ; donnhom il-konvenuti jridu jfissru illi, almenu f'parti, id-donazzjoni kienet rimuneratorja u bħala ħlas ta' dawk is-servizi; iżda anki li kienet rimuneratorja, tibqa' dejjem fin-natura tagħha donazzjoni, u hekk hija kunsidrata anki mill-liġi (art. 1832 u 1833 Kod. Civ.; u Kollez. XXXIII-II-177); u kwindi, bħala regola, suġġetta għall-formalità tal-att pubbliku taħt piena ta' nullità (art. 1847(1) Kod. Civ.). Għalhekk l-unika indaġini li trid issir hija jekk dik id-donazzjoni hijiex minn dawk eċċettwati mill-liġi, jiġifieri hijiex "dono manuale" jew le. Skond l-art. 1847(2)(a), il-formalità fuq imsemmija ma tgħoddx "għar-rigali li jingħataw minn id għal id, ta' flus jew ta' ħwejjeġ mobbli korporali oħra, jew ta' titoli għall-portatur, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir; meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u ċirkustanzi oħra". Dan il-valur żgħir irid ikun proporzjonat għall-kondizzjoni ekonomika u patrimonjali tad-donanti; l-iskop tad-donazzjoni ma jidħolx proprjament fiċ-ċirkustanzi li ssemmi l-liġi, għaliex diversament ir-rekwiżit essenzjali tat-[illegible]witā tal-valur jista' minħabba dak l-iskop jiġi frustrat;

[illegible]lli fil-każ in eżami l-Qorti hija soddisfatta illi l-barbaz-

zal ġie mill-attur regalat lill-konvenuta; u billi f'dak iż-żmien l-attur kien jippossjedi b'kollox xi £50 (fol. 54), tant li huwa ma ħallsux f'daqqa, imma £10 fil-konsenja u l-bqija 10s. fil-ġimgħa, dak ir-rigal għall-attur ma kienx ta' valur żgħir u proporzjonat għall-mezzi tiegħu; u għalhekk id-donazzjoni hija nulla, billi ma saretx b'att publiku kif trid il-liġi. U billi si tratta minn nullità assoluta, jista' japprofitta minnha kull wieħed mill-kontendenti, jiġifieri anki l-attur bħala donanti (Kollez. XXXIII-II-416);

Illi l-attur, minn naħa tiegħu, jippretendi li ċ-ċappetti jew brazzuletti, u oġġetti oħra, fosthom sett tat-te', spiritiera, erbgħa gvieret u erbgħa ložor, li ħadu magħhom il-konvenuti, ma setgħux jeħduhom. Kwantu għall-brazzuletti, imsielet, is-sett tat-te' u l-ispiritiera, irriżulta li l-attur kien irrigalahom lill-konvenuta; u billi l-valur tagħhom kien żgħir, ma kienetx meħtieġa ebda formalità. Kwantu għall-oġġetti l-oħra, l-attur ma ġiebx provi suffiċjenti tal-pretensjoni tiegħu, u għalhekk mhix kritikabbli l-konklużjoni peritali;

*Omissis;*

Illi kwantu għall-ħames domanda, il-Qorti taqbel ukoll mal-perit ġudizzjarju. Id-depożitu magħmul mill-konvenuti, apparti l-kwistjoni prospettata mill-attur rigward l-integrità tiegħu, ma setgħax jekwivali għal pagament; għaliex l-attur ma rrifjutax l-offerta inġustament, iżda kien ġustifikat ma jirċevix dak il-kera, minħabba li ried jiżgombra lill-konvenuti, kif effettivament għamel bil-Qorti, a kawża ta' mġieba ħażina tagħhom. F'dan is-sens hu l-insenjament tad-dottrina (Giordano, Leggi delle Due Sicilie, art. 1210; Borsari, Commento Codice Civile Italiano, art. 1259, paġ. 708), u tal-ġurisprudenza (Fadda, Giuris. Cod. Civ. Ital., art. 1257, nri. 85, 90);

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tal-perizja ġudizzjarja, sa fejn kompatibbli;

Tilqa' l-ewwel talba, fis-sens li tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur, fi żmien tmien tijiem, il-barbazzal tad-deheb, u fin-nuqqas tħallas is-somma ta' £38; kif ukoll tirrestitwixxi lill-attur, fl-istess żmien, il-labra taddeheb għall-ingravata li hija ġa obligat ruħha li tagħtieh lura, u tħallaslu 3s. għall-ispejjeż taċ-ċavetta tal-bieb ta' barra tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni; l-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi u r-riżultanzi proċesswali, jitħallsu nofs millattur u nofs mill-konvenuta;

Tiċħad it-tieni talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Tilqa' t-tielet talba, billi tikkundanna lill-konvenuta tirrifondi u tħallas lill-attur il-bilanċ dovut ta' £3.19.0, blimgħax legali mil-lum, u bl-ispejjeż;

Tilqa' r-raba' talba, billi tikkundanna lill-konvenut irodd lill-attur id-depożitu ta' £20, bl-imgħax legali minn notifika taċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż;

Tilqa' l-ħames talba, billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £9 tal-kera tal-post fuq imsemmi, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mil-lum;

U tilqa' l-aħħar talba, billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta' xi ħsara li ħalla fil-post fuq indikat, u tikkundannah iħallas lill-attur ta' dik il-ħsara s-somma ta' £5, u bl-ispejjeż;

Fl-aħħarnett tiddeċidi billi tordna illi l-ispejjeż kollha relattivi għall-perizja ġudizzjarja jitħallsu nofs mill-attur u n-nofs l-ieħor mill-konvenuti, barra dawk relattivi għasseduta tal-15 ta' Ottubru 1954, li għandhom jibqgħu għallattur.